MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 356/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Long**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-ahhar tax-xahar ta' Gunju, 2008 u fl-ahhar tax-xahar ta' Lulju, 2008, sa dik il-gurnata, naqas milli jaghti lill-martu Natalie Long, is-somma ta' €349.41 (LM150) ghal kull xahar imsemmi bhala manteniment a favur tal-minuri Matthew Long u Mirane Long li qeghdin fil-kura w il-kustodja taghha w dan skond kuntratt ta' separazzjoni no. 91, datat 17 t'Ottubru, 2002 u nsinwat fit-28 t'Ottubru, 2002, u li kien sar quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Rachel Mallia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2008, li biha,

wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar, ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, w ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ seba’ mitt Euro (€700) fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar (tirrevoka) s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull akkuza w htija skond il-ligi, jew, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2009, l-appellant, tramite l-abbli difensur, Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani, ddikjara li kien qed jillimita l-appell tieghu ghall-piena u kien qed jirrinunzja ghall-aggravji l-ohra. Dan jirrigwarda r-raba' aggravju li jikkonsisti filli l-ammont ta' hlas impost fuq l-appellant, ghall-hlas huwa wisq billi hu ghandu jitnaqqas mill-ammont hekk ordnat mill-Ewwel Qorti, ammont ta' flus korrispondenti ghall-hlasijiet zejda li ghamel l-appellant matul tletin xahar. Hu kien ghamel hlasijiet akkont u dan apparti mill-hlasijiet li huma deducibbli b' applikazzjoni tad-digrietr tal-1 ta' Lulju, 2005, ghall-periodu Lulju, 2005 sal-1 ta' Frar, 2008.

Semghet ix-xiehda ta' Nathalie Long fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2009.

Rat il-verbal li bih gie registrat li l-abbli difensur tal-appellant hallas lill-parte civile is-somma ta' Ewro 150, seduta stante. (pero' dan akkont tal-kawza l-ohra fl-istess

ismijiet u cioe' Appell numru 356/08 ta' dak in-nhar u deciza ukoll fl-udjenza tal-lum).

Semghet it-trattazzjoni.

Rat il-verbal li bih dak in-nhar il-kawza giet differita ghall-lum ghas-sentenza w sa dak in-nhar il-Qorti kienet qed taghti l-opportunita', kif talab l-istess appellant, li jhallas kull bilanc ghas-saldu tal-mertu tal-kawza;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-lum li bih il-partijiet infurmaw il-qorti li qeghdin fi trattattivi biex jaghmlu kuntratt ta’ novazzjoni fejn ivarjaw il-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejniethom u li, jekk il-Qorti testendi t-terminu ghall-hlas minn xahar ghal sitt xhur, ikun possibbli li dan l-arrangament jintlahaq.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda ta' **Nathalie Long** irrizulta li minn Frar, 2008, l-appellant ma hallasha xejn, hlief li taha LM100 ghat-tfal u dan mhux bhala manteniment. Skond il-kuntratt suppost ihallas Ewro 350 fix-xahar. Pero' peress li issa zewgha zdied fil-paga, skond il-*payslip* tal-armata fejn hu impjegat l-appellant, issa suppost li jibda jhallas Ewro 466. Hi kienet tircevi mantenimant tat-tifla biss ghax it-tifel kien jghix mal-appellant imma f' Marzu, 2008, it-tifel rega' mar jghix maghha. Hi kienet irceviet Ewro 232.31 tat-tifla biss fi Frar u issa din is-somma trid tirdoppja la darba t-tifel mar jghix maghha.

Mill-affidavit ta' **W.P.C 176 Sloune Fabri** (fol. 6 tal-process) jirrizulta li Nathalie Long kienet ghamlet rapport fl-ghassa ta' Birkirkara fit-28 t' Awwissu, 2008, fejn qalet li kienet separata mir-ragel taghha l-appellant, skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia tas-17 t' Ottubru, 2002 u li zewgha kien naqas li jhallasha is-somma ta' Ewro 349.41 (LM150) ghax-xhur ta' Gunju w Lulju, 2008, dovuta lilha bhala mateniment bil-quddiem ghall-uliedhom, Matthew, li ghandu 13-il sena u Mirane, li ghandha 9 snin. Hi kienet kellmet lill-appellant u dan kien sostna li hu kien jahdem mal-Armata ta' Malta izda kien ghaddej board u

ma setax jaghti lil martu l-ammont imsemmi bhala manteniment peress li kien qed jiehu biss LM150 (349.41 Ewro) bhala pensjoni tas-servizz kull xahar.

Ikkonsidrat;

Illi in vista tat-talba li saret mill-partijiet fis-seduta tal-lum, din il-Qorti ser tvarja s-sentenza kif mitlub.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w fejn illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta w fejn ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' seba' mitt Euro (€700), u tirrevokaha fejn ordnat li dan il-hlas isir fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta w minflok tordnalu jhallas lill-martu s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------